**Suġġett**

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla), tad-9 ta' Settembru 2011, Alliance One International vs Il-Kummissjoni (T-25/06), li tiċħad rikors li għandu bħala suġġett l-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/901/KE, tal-20 ta' Ottubru 2005, dwar proċedura skont l-Artikolu 81(1) tat-Trattat KE (Każ COMP/C.38.281/B.2 — Tabakk mhux maħdum — Italja) [innotifikata bin-numru C(2005) 4012] (ĠU L 353, p. 45), li tikkonċerna akkordju intiż għall-iffissar tal-prezzijiet imħallsa lill-produtturi u intermedjarji oħra u għat-tqassim tal-fornituri fis-suq Taljan tat-tabakk mhux maħdum, kif ukoll it-tnaqqis tal-multa imposta fuq l-appellanti

**Dispożittiv**

(1) *L-appell huwa miċħud.*

(2) *Alliance One International Inc. hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) GU C 25, 28.01.2012

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-21 ta' Novembru 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Juridiction de Proximité de Chartres — Franza) — Hervé Fontaine vs Mutuelle Générale de l'Éducation Nationale**

**(Kawża C-603/11)** ([1])

***(Kompetizzjoni — Artikoli 101 TFUE u 102 TFUE — Assigurazzjoni komplementari għas-saħħa — Ftehim ta' tariffi ta' kumpanniji mutual ma' tobba tal-għażla tagħhom — Differenza fit-trattament — Inammissibbiltà manifesta)***

(2013/C 108/08)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Juridiction de Proximité de Chartres

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Hervé Fontaine

*Konvenuta:* Mutuelle Générale de l'Éducation Nationale

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Juridiction de Proximité, Chartres — Interpretazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 TFUE — Kompetizzjoni — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi lill-kumpanniji mutual li jipprovdu assigurazzjoni komplementari tas-saħħa milli jvarjaw il-benefiċċji skont il-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' ċertifikati u s-servizzi pprovduti — Projbizzjoni ta' ftehim ta' tariffi ta' kumpanniji mutual ma' tobba tal-għażla tagħhom — Differenza fit-trattament fir-rigward tal-impriżi u tal-istituti l-oħra għall-kura tas-saħħa rregolati mill-Code des assurances jew mill-Code de la sécurité sociale — Restrizzjonijiet

**Dispożittiv**

*It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juridiction de Proximité de Chartres, permezz ta' deċiżjoni tas-17 ta' Novembru 2011, hija manifestament inammissibbli.*

---

([1]) ĠU C 39, 11.02.2012.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tas-27 ta' Novembru 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Inalta Curte de Casație și Justiție — ir-Rumanija) — SC "AUGUSTUS" Iași SRL vs Agenția de Plăți pentru Dezvoltare Rurală și Pescuit**

**(Kawża C-627/11)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Inammissibbiltà manifesta)***

(2013/C 108/09)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Inalta Curte de Casație și Justiție

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* SC "AUGUSTUS" Iași SRL

*Konvenuta:* Agenția de Plăți pentru Dezvoltare Rurală și Pescuit

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Inalta Curte de Casație și Justiție — Interpretazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1268/1999, tal-21 ta' Ġunju 1999, dwar l-għajnuna mill-Komunità għal miżuri ta' qabel l-Adeżjoni għal żvilupp agrikolu u rurali fil-pajjiżi applikanti tal-Ewropa ċentrali u ta' lvant matul il-perjodu ta' qabel l-Adeżjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 31, p. 268) kif ukoll tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999, tal-21 ta' Ġunju 1999, li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 14, Vol. 1, p. 31) — Kanċellament u rkupru, f'każ ta' irregolarità, tal-għajnuna finanzjarja Komunitarja mogħtija abbażi tal-programm SAPARD — Eliġibbiltà tal-ispejjeż sostnuti — Każ ta' forza maġġuri — Ġustifikazzjoni — Kunċetti ta' "effettività ekonomika" u ta' "vijabbiltà"